MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2007

Citazzjoni Numru. 67/2002/1

**One Fashion Limited**

**vs**

**Elmo Insurance Agency Ltd, bhala agent f`Malta tas-socjeta` estera Royal & Sun Alliance Insurance Plc**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta` attrici fl-24 ta` Jannar, 2002, li in forza taghha wara li ppremettiet illi:

1. Is-socjeta` attrici hija ssigurata mas-socjeta` konvenuta u dan permezz tal-poloz ta` assigurazzjoni numri 681010052 u 681010053 u dan sabiex ikopru r-riskju ghall-garr tal-merkanzija tas-socjeta` attrici mill-post tal-karikazzjoni sa Malta.

2. Fil-kors tal-validita` ta` dawn il-poloz ta` assigurazzjoni, is-socjeta` attrici, precisament fil-perjodu tax-xahar ta` Frar, 2001 garrbet telfa sostanzjali fil-merkanzija taghha hekk assigurata u dan stante li tilfet kollox b`rizultat ta` serqa, minn nies ignoti, tal-istess merkanzija u meta is-socjeta` attrici ghamlet il-claim taghha kontra s-socjeta` konvenuta din tal-ahhar irrifjutat u ghadha qed tirrifjuta li tikkompensa lis-socjeta` attrici tat-telfa taghha fl-ammont ta` Lm36469.53.

3. Mill-inkontri bonarji li saru bejn iz-zewg socjetajiet u l-iskambju tal-korrispondenza li kien hemm ma hareg xejn u s-socjeta` konvenuta ghadha thoss li ma ghandhiex thallas lis-socjeta` attrici ta` dak li hija ghandha dritt ai termini tal-polza ta` assigurazzjoni u tal-ligi.

4. Talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex"

1. tiddikjara li jesisti kuntratt ta` assigurazzjoni validu bejn il-kontendenti rigwardanti il-garr tal-merkanzija tas-socjeta` attrici in konnessjoni mad-dati fuq imsemmija.

2. tillikwida l-ammont tal-kumpens dovut mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici in konnessjoni mal-istess, jekk hemm bzonn bl-opera ta` periti nominandi, fl-ammont ta` Lm36,469.53 rapprezentanti it-telfa attwali li s-socjeta` attrici sofriet fil-perjodu hawn fuq imsemmi.

3. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma hekk likwidata u cioe` is-somma ta` Lm36,469.53, jew somma ohra verjuri li joghgobha tillikwida din il-Qorti.

4. tikkundanna lis-socjeta` attrici li thallas l-imghax fuq l-istess somma bir-rata tal-8% tmienja fil-mija mid-data tal-istess telfa sal-gurnata tal-effettiv pagament – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

5. Bl-ispejjez komprizi dawk ta` diversi inkontri u skambju ta` seba` ittri legali kontra s-socjeta` konvenuta li minn issa tibqa` ingunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

1. L-ewwel talba tas-socjeta` attrici ghandha tkun respinta stante li z-zewg poloz ta` assikurazzjoni li bis-sahha taghhom qed tippretendi indennizz mhumiex validi billi qabel ma kien konkluz il-kuntratt is-socjeta` attrici naqset serjament milli tisvela fatti materjali li kienet taf bihom (*non disclosure of a material fact*) fatti tali li kieku gabithom a konjizzjoni tas-socjeta` konvenuta noe din ma kienetx taccetta li tassikuraha.

2. **Bla pregudizzju ghall-premess**, anke jekk iz-zewg poloz huma validi, is-socjeta` attrici ma tistax tinvoka l-operat taghhom ghaliex ma ppruvatx b`mod sodisfacjenti li ma kenitx taf li l-allegat serq jew telf kien sehh qabel jew meta kienu konkluzi l-poloz ta` assikurazzjoni.

3. It-tieni talba tas-socjeta` attrici ghandha tkun michuda billi ma ghandhiex dritt ghal-hlas ta` indennizz ghat-telf li allegatament garrbet.

4. Fi kwalunkwe kaz, **u bla pregudizzju ghall-premess**, il-quantum tal-kumpens li s-socjeta` attrici qed tippretendi huwa eccessiv stante li ghalkemm is-*sum insured* taht iz-zewg poloz kien ta` Lm36,469, kien hemm *policy excess* ta` Lm200 (u cioe` Lm100 ghal kull polza) li s-socjeta` attrici ma naqqsitx mit-talba taghha.

5. It-tielet talba tas-socjeta` attrici ghandha tkun rigettata billi ma hemmx lok ghall-kundanna tas-socjeta` eccipjenti ghall-hlas ta` kumpens kif pretiz minnha.

6. Ir-raba` talba tas-socjeta` attrici kif dedotta ghandha tkun michuda stante li jekk imghax huwa dovut, dan ma jistax jiddekorri skond il-ligi mid-data tal-allegat telf.

7. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Is-socjeta` attrici giet formata fid-29 ta` Dicembru, 1999, bl-iskop li topera hanut il-Belt ghall-bejgh ta` hwejjeg tal-irgiel. Peress li l-kumpanija kellha hanut wiehed u l-valur tal-merkanzija li kienet iggib minn barra ma kienx wiehed gholi, ma kienetx tohrog kopertura ta` assikurazzjoni fuq il-hwejjeg li kienet timporta, u kienet tiehu r-riskju hi. Lejn l-ahhar tas-sena 2000, il-kumpanija attrici dahlet fi *franchise agreement* mad-ditta Sixty Spa, u dan il-ftehim dahal fis-sehh fl-1 ta` Jannar, 2001. Bhala rizultat ta` dan il-ftehim, is-socjeta` attrici fethet hanut iehor ghall-hwejjeg tan-nisa u kienet obbligata wkoll tixtri certi minimum ta` hwejjeg skond l-istagun.

Peress li l-ewwel konsenja ta` hwejjeg rizultat ta` dan il-ftehim, kellha valur ta` aktar minn Lm30,000, is-socjeta` attrici iddecidiet li tibda tkopri l-merkanzija b`assikurazzjoni. Jirrizulta li fit-8 jew 9 ta` Frar, 2001, Tarcisio Vella, f`isem is-socjeta` attrici, mar fil-*branch office* tas-socjeta` konvenuta f`Birkirkara u talab kopertura ta` assikurazzjoni ghall-merkanzija li kellu jircievi.

Din il-Qorti indikat li l-ewwel talba ghall-assikurazzjoni saret fit-8 jew fid-9 ta` Frar, ghax fil-waqt li s-Sur Jeffrey Scorey, Deputy Manager mad-ditta konvenuta, indika ghal darba darbtejn li l-*instructions* kienu gew moghtija fit-8 ta` Frar, 2001, tant li f`ittra datata 14 ta` Gunju, 2001, huwa ikkonferma li *"on the 8th of February, 2001 being a Thursday, based on the details supplied, we confirmed the policy would be prepared and forwarded"* (data li kien indika fuq ittra precedenti datata 1 ta` Gunju, 2001; is-Sur

Lino Ferris, General Manager tad-ditta konvenuta, fuq ittra datata 16 ta` Ottubru, 2001, ukoll indika li *"the policy was taken out on Thursday, 8th February, 2001, late in the afternoon"*, u l-istess ghamel is-Sur Chris Cuschieri, supervisor mas-socjeta` konvenuta, f`memo datata 5 ta` Mejju, 2001), is-Sur Antoine Ciappara, l-ufficcjal li kien fil-branch office ta` Birkirkara, u li mieghu kellem is-Sur Tarcisio Vella, eskluda li l-laqgha saret fit-8 ta` Frar, 2001, u insista li l-laqgha kienet saret fid-9 ta` Frar, 2001. Meta xehed quddiem il-Qorti, is-Sur Ferris ukoll insista li l-laqgha saret fid-9 ta` Frar, 2001. Is-Sur Ciappara esebixxa n-noti li kien ha meta kellmu s-Sur Vella, u fuq dawn tidher cara d-data tad-9 ta` Frar, 2001. L-ircevuta ghal hlas li ghamel Tarcisio Vella, wara li l-applikazzjoni tieghu giet accettata, iggib id-data tad-9 ta` Frar, 2001, u hi ircevuta mahruga mis-Sur Ciappara mill-branch ta` Birkirkara. Is-Sur Tarcisio Vella, ma jiftakarx jekk hu kienx mar fl-ufficcju ta` Birkirkara t-8 jew id-9 ta` Frar, 2001, ghalkemm jghid li, wisq probabbli kienet il-gurnata tat-8 ta` Frar, cioe`, il-Hamis, meta hu u martu soltu li jmorru s-supermarket halli jaghmlu x-xirja tal-gimgha. F`ittra datata 4 ta` April, 2001, pero`, li hu baghat lis-Sur Scorey, u li fiha elenka s-*"sequence of events"*, is-Sur Vella indika d-9 ta` Frar bhala l-gurnata li mar fil-branch office ta` Birkirkara.

Hi x`inhi d-data, meta s-Sur Tarcisio Vella dahal ikellem lis-Sur Antoine Ciappara (fil-branch tas-socjeta` konvenuta f`Birkirkara), u talbu il-hrug ta` marine policy limitata ghall-konsenja partikolari, dan is-Sur Ciappara ha d-dettalji, pero`, qal lis-Sur Vella li, skond il-policy tal-kumpanija, hu ma setax johrog marine policies, ghax dawk it-tip ta` poloz setghu jinhargu biss mill-Head Office. Is-Sur Ciappara, ghalhekk, cempel l-ufficcju centrali u tkellem fuq it-telephone ma` Chris Cuschieri, ufficcjal mas-socjeta` konvenuta li jiddilja fuq marine policies. Is-Sur Cuschieri talab lis-Sur Ciappara jsaqsi lil Tarcisio Vella certi domandi, u s-Sur Ciappara, li, dak il-hin, kellu lis-Sur Vella quddiemu, ghadda lis-Sur Vella d-domandi tas-Sur Cuschieri, u ghadda lis-Sur Cuschieri t-twegibiet tas-Sur Vella.

Wahda mid-domandi lis-Sur Vella kienet jekk il-merkanzija li kellha tigi importata kienetx imhallsa jew le, u s-Sur Vella wiegeb li iva u kellu f`idejh dokumenti bankarji li kienu jikkonfermaw dan. Domanda ohra li staqsieh kienet jekk ix-xoghol kienx telaq mill-Italja; is-Sur Vella wiegeb li le u qallu li l-merkanzija kellha titlaq dak il-weekend. Dan qalu peress li f`idejh kellu e-mail, datata 6 ta` Frar, 2001, li kienet tindika li l-merkanzija kienet ghada Ruma u li *"the goods will leave this weekend with the goods being packed for this shipment"*.

Is-Sur Ciappara ghadda din l-informazzjoni lis-Sur Cuschieri, li kien fuq il-linja tat-telephone. Dak il-hin, pero`, fil-Head Office, is-Sur Jeffrey Scorey, ma kienx hemm, u s-Sur Cuschieri ma riedx johrog il-polza qabel ma jiddiskuti l-kaz mas-Sur Scorey, li kien is-superjuri tieghu. Ghalhekk, is-Sur Ciappara qal lis-Sur Vella biex icempillu wara nofs inhar dik il-guranta halli jaghtih risposta jekk is-socjeta` konvenuta kienetx se taccetta tohrog il-polza jew le.

Skond Antoine Ciappara, fis-saghtejn ta` wara nofs inhar ta` dik l-istess gurnata, s-Sur Vella, cempillu u staqsieh dwar l-assikurazzjoni. Is-Sur Ciappara qallu li l-Head Office kien accetta r-riskju u talbu jmur jaghmel il-pagament. Skond is-Sur Tarcisio Vella, li qal li wisq probabbli l-ewwel laqgha saret fit-8 ta` Frar, kien l-ghada d-9 ta` Frar li s-Sur Ciappara ikkonfermalu li s-socjeta` konvenuta kienet se tohrog l-assikurazzjoni, u dana meta cempillu ghal habta tas-siegha ta` wara nofsinhar. Wara li s-Sur Vella gie infurmat li l-polza giet accettata u li seta` jmur ihallas, hu, fil-fatt, mar fl-ufficcju ta` Birkirkara u ghamel il-hlas relattiv. Skond is-Sur Vella l-hlas sar fl-4.00pm jew ftit wara, waqt li skond is-Sur Ciappara dan il-hlas sar fl-4.45pm. Dak il-hin li sar il-hlas, is-Sur Ciappara cempel il-Head Office u informa lis-Sur Cuschieri li l-polza kien harigha; hu baghat *fax confirmation* il-Head Office li tidher datata 9 ta` Frar, 2001, u intbaghatet fil-5.30.

Il-merkanzija li kellha tigi mill-Italja, kellha taghmel parti mill-vjagg taghha bi trailer, u wara dan it-trailer kellu jitghabba fuq vapur ghall-Malta. Id-driver tat-trailer, fit-8

ta` Frar, 2001, waqt li kien fuq l-autostrada AIC Napoli – Bari, waqaf ghal-lejl, u l-ghada fil-ghodu induna li l-kontenut tat-trailer kien gie misruq. Id-driver induna bis-serqa fid-9 ta` Frar, 2001, ghal habta tal-11.30am, u fil-11.40am irraporta s-serqa lill-Pulizija taljana. F`xi hin filghodu, d-driver tat-trailer cempel lis-Sur Frans Vella, id-direttur ta` Express Trailers, li kienet qed tiehu hsieb it-trasport, u infurmah bis-serqa. Wara nofs inhar tad-9 ta` Frar, 2001, s-Sur Frans Vella ta` instruzzjoni lill-istaff tieghu biex icemplu lill-importaturi, fosthom lis-socjeta` attrici, u javvzawhom bis-serqa li kienet saret dakinhar stess filghodu; hu kellu nota li dawn it-telefonati saru bejn l-4.00pm u l-5.00pm. Fuq dokument li s-Sur Frans Vella hareg fid-29 ta` Ottubru, 2001, hu indika li t-telefonata lis-Sur Tarcisio Vella saret minn impjegat tieghu, certu David Attard, *“sometime in the afternoon”*. Fuq fax li kien hareg fit-23 ta` Frar, 2001, taht il-firma ta` impjegata Doreen li iffirmat ghal Frans Vella, hemm indikat li l-klienti li kellhom merkanzija fil-container in kwistjoni (li kien groupage container) gew avvzati bis-serqa fid-9 ta` Frar, 2001, *“at around 16.00 hrs”*.

Mill-premess jidher li l-ewwel punt li jrid jigi carat huwa jekk, meta inharget l-assikurazzjoni, is-socjeta` attrici kienetx taf jew le bis-serqa. Mill-kumpless tal-provi, din il-Qorti hi propensa taccetta li l-*enquiry* ghall-assikurazzjoni saret fid-9 ta` Frar, 2001, kif indika l-istess Tarcisio Vella f`ittra datata 4 ta` April, 2001, li hu baghat lis-Sur Scorey; ix-xhieda ta` Antoine Ciappara wkoll tikkorobora dan. Anke jekk, l-ewwel *enquiry* saret fit-8 ta` Frar, 2001, kif xehed l-istess Tarcisio Vella, kien zgur fid-9 ta` Frar (skond hu, l-ghada li ghamel l-*enquiry)* li hu kellu konferma tal-offerta li ghamel, u dan ghal habta tas-1.00pm (skond Tarcisio Vella) jew tas-2.00pm (skond Antoine Ciappara).

Ghalkemm f`dan il-kaz ma kienx hemm proposal form (peress li mhix prassi tas-socjeta` konvenuta li titlob il-milli ta` proposal form f`kaz ta` marine insurance), meta s-Sur Tarcisio Vella mar fil-branch office tad-ditta konvenuta, hu ghamel offerta u, verbalment, ta` d-dettalji mehtiega mis-socjeta` assikuratrici biex din tkun tista` tikkunsidra l-

offerta. L-offerta tas-socjeta` attrici giet, wara, accettata fis-2.00pm, tad-9 ta` Frar, 2001, u f`dak il-mument inholoq il-kuntratt, u dan avvolja l-hlas, bi ftehim tal-partijiet, sar aktar tard wara nofsinhar. Fid-9 ta` Frar, 2001, fis-2.00pm (skond is-socjeta` konvenuta), kien hemm qbil dwar l-elementi kollha necessarji ghal hrug ta` assikurazzjoni – l-oggett u t-tip tal-assikurazzjoni, il-valur ta` dak l-oggett u l-premium li kellu jithallas.

Kif jinghad fil-ktieb *“Birds Modern Insurance Law”*, tal-awturi Birds & Hird (6 Edit, pagna 76), darba jkun hemm qbil fuq *“the amount of the premium, the nature of the risk, including the subject matter of the insurance, and the duration of the risk, … these matters are the only ones upon which agreement is required, for the reason that the proposer for insurance is deemed to have applied for the usual form of policy issued by the insurer in respect of the particular type of insurance in question”*.

L-artikolu 1347 tal-Kodici Civili jiddisponi li l-bejgh hu perfett bejn il-partijiet (u, f`dan il-kaz, ghandna *“bejgh”* ta` assikurazzjoni, li kien l-oggett tal-kuntratt), malli jsir il-ftehim fuq il-haga u fuq il-prezz, ghalkemm il-haga tkun ghad ma gietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun ghad thallas il-prezz. L-artikolu 110 tal-Kodici tal-Kummerc, umbaghad, jiddisponi illi l-kuntratt maghmul bejn persuni fil-boghod minn xilxin (kif inhu dan il-kaz), mhux perfett jekk l-accettazzjoni ma tasalx lill-proponent fiz-zmien utili. F`dan il-kaz, avviz tal-acettazzjoni lill-proponent wasal fid-9 ta` Frar, 2001, fis-2.00pm. F`dak il-mument il-kuntratt ta` assikurazzjoni, li ma jirrikjedi ebda forma partikolari ghall-holqien tieghu, gie konkluz u perfezzjonat. Sa dak il-hin, hu zgur li s-socjeta` attrici ma kienetx taf bis-serqa, (l-aktar kmieni li setghet tkun taf bis-serqa kien dak inhar fl-4.00pm) u kienet in bona fede. Ma jistax jinghad, allura, li, taht dan l-aspett, il-polza ta` assikurazzjoni ghandha titqies nulla.

Jekk wiehed ikun aktar specifiku fuq dan il-principju, u jezaminah fil-kuntest ta` kuntratt ta` assikurazzjoni, isib li l-istess hu l-kaz fid-duttrina ingliza kif ukoll dik taljana fuq is-suggett.

Hekk Ivamy (*"General Principles of Insurance"*, 4th Edition, 1979, pagna 107) u Margo (*"Aviation Insurance"*, 1st Edition, 1980, pagna 44) jispjegaw illi *"the proposal form when completed and signed by the prospective insured and lodged with the insurer by whom it has been supplied constitutes an offer to the insurer to effect a contract of insurance. This proposal indicates the basis upon which the proposer is prepared to contract and it is up to the insurer to decide whether to provide cover and if so, at what premium".*

Dan il-hsieb hu konformi ghal dak koncepit mill-Qorti Taljana ta` Kassazzjoni (Numru 6621, 15 ta` Dicembru, 1981:-

*"Con riguardo al documento sottoscritto dal soggetto che intende assicurarsi e contenente una semplice proposta di contratto, si da restare di per se` inidoneo alla costituzione del rapporto assicurativo fina a che non intervenga l'accettazione dell'assicuratore (ed a prescindere dall'esistenza di una formale clausola in tal senso), il-perfezionarsi del contratto di assicurazione non puo` essere affermato in relazione al mero fatto che tale documento sia predisposto dall'assicuratore e con tutte le clausole proprie della polizza, trattandosi di circostanza, frequente nella prassi, guistificata dal carattere "fermo" della proposta e dall'esigenza di consentire la conclusione del contratto con la sola accettazione del destinatario, ne in relazione al fatto che il documento medesimo rechi la firma dell`agente dell`assicuratore che abbia sollecitato e promosso la proposta di detto soggetto, atteso che l' agente non e` abilitato a concludere il contratto in nome e per conto dell`assicuratore, ove un siffatto potere di rappresentanza non risulti espressament conferito, ovvero non derive da preposizione institoria per l'esercizio di una sede secondaria o di un ramo dell'impresa assicuratrice"*.

Minn dan premess huwa logiku li jigi dezunt, li darba li l-offerta, li f`dan il-kaz saret taht forma verbali, tigi accettata, il-kuntratt hu konkluz. Fil-kaz in kwistjoni, meta sehh dan il-mument, is-socjeta` attrici kienet in bona fede

u, allura, da parti taghha, ma kienx hemm *misrepresentation* jew *non disclosure of a material fact*.

Kif intqal minn din il-Qorti fil-kawza “Pheonician Glass Blowers Ltd vs Malta Export Credit Insurance Co. Ltd”, deciza fis-6 ta` Ottubru, 2005, il-hlas tal-premium huwa xhieda li l-polza ta` assikurazzjoni hija fis-sehh, u, ghalhekk, il-hlas li ghamlet is-socjeta` attrici aktar tard matul il-gurnata hija biss indikazzjoni tal-ezistenza tal-assikurazzjoni, mhux il-mument ta` holqien taghha.

Fil-kawza “Zerafa vs Fenech”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-30 ta` Mejju, 1980, gie osservat ukoll li darba li l-kumpanija assikuratrici iddikjarat li l-kuntratt ta` assikurazzjoni *“has been effected”*, hemm kopertura kuntrattwali avolja l-premium ma kienx gie mhallas. F`dan il-kaz, is-Sur Ciappara xehed li meta s-Sur Tarcisio Vella cempillu ghar-risposta, hu wiegbu li l-kumpanija *“kienu accettaw ir-riskju u li kienu se johorgu l-polza”*. Ghalhekk ukoll, jirrizulta li l-polza giet konkluza qabel ma s-Sur Vella gie infurmat bis-serqa.

Darba hu hekk, kif inhu dezunt minn qari tal-artikolu 1065 tal-Kodici Civili, il-kuntratt ta` assikurazzjoni hu validu avvolja l-incident kien gia sehh meta gie konkluz il-kuntratt. Dan l-artikolu jiddisponi li jekk obbligazzjoni tkun tiddependi minn grajja li ga grat (f`dan il-kaz, is-serqa li grat lejliet), l-obbligazzjoni tkun valida minn dak inhar li tkun giet ikkuntrattata, jekk il-partijiet ikunu ghadhom ma sarux jafu biha fil-mument tal-kuntrattazzjoni. F`dan il-kaz, kif intwera, meta giet ikkuntrattata l-obbligazzjoni, ebda parti ma kienet taf bil-grajja tas-serqa, u, allura, a tenur ta` dan l-istess artikolu, darba jirrizulta zgurat li dik il-grajja sehhet (kif hu pruvat f`dan il-kaz), id-debitur jista` jigi mgieghel jesegwixxi l-obbligazzjoni.

Is-socjeta` konvenuta qed tressaq ilment iehor kontra l-validita` tal-polza ta` assikurazzjoni. Meta s-Sur Tarcisio Vella gie mistoqsi jekk il-merkanzija kienetx telqet, hu wiegeb li le, u li kellha titlaq fil-weekend. Is-socjeta` konvenuta qed tallega li din kienet risposta zbaljata, peress li bhala fatt, il-merkanzija kienet gia` telqet mill-

imhazen tas-socjeta` Sixty Spa gewwa l-Italja. Din l-informazzjoni zbaljata ghandha twassal, skond is-socjeta konvenuta, ghal thassir tal-polza ta` assikurazzjoni fuq bazi ta` *misrepresentation.*

Bhala principju, hu acettat li l-fatt li l-kumpanija konvenuta accettat minghand is-socjeta` attrici l-hlas tal-premium u harget il-polza relattiva, ma jfissirx li b`daqshekk il-kumpanija assikuratrici irrinunzjat ghall-jeddijiet taghha li thassar il-polza jekk jirrizultalha li l-applikant kienet naqset milli taghti taghrif shih u veru tac-cirkostanzi kollha rilevanti: (ara “Caruana vs Laferla Insurance Agency Ltd noe”, deciza minn din il-Qorti fit-22 ta` Frar, 2006). Il-Qorti taccetta ukoll li informazzjoni dwar jekk il-merkanzija telqetx mill-imhazen jew le, tista` tkun rilevanti ghall-fini ta` assikurazzjoni. Kif gie osservat, pero`, fil-kawza “Micallef vs Rausi noe”, deciza minn din il-Qorti fis-27 ta` Ottubru, 2004, bi kwotazzjoni ta` gurisprudenza ingliza, *“a fair and reasonable construction of the questions and answers in a proposal form must be adopted”*.

F`dan il-kaz ma kienx hemm proposal form bil-miktub, u d-domandi u r-risposti nghataw verbalment. Dan jitfa` piz aktar fuq l-insurer biex juri li verament kien hemm informazzjoni zbaljata, u dan peress li *“the burden of proving that the insured is guilty of non disclosure or misrepresentation of a material fact lies on the insurer”* – “Chetcuti vs Citadel Insurance plc”, deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-15 ta` Frar, 2006.

Antoine Ciappara xehed li hu staqsa lil Tarcisio Vella jekk ix-xoghol telaqx, u r-risposta kienet li le. Skond is-Sur Vella, d-domanda kienet: *“Meta se titlaq il-markanzija mill-Italja”*, u hu irrisponda li se titlaq matul il-lejl ta` bejn is-Sibt u l-Hadd. Meta s-Sur Ciappara kien ghamel statement tal-fatti ghall-employer tieghu, qal li, fuq id-domanda li ghamillu, s-Sur Vella wiegbu *“that the shipment was going to leave in the next two days”*.

Bhala fatt, l-ahhar batch ta` merkanzija telqet mill-imhazen fis-6 ta` Frar, 2001, qabel ma saret il-proposta ta` assikurazzjoni, pero`, id-domanda li saret lis-Sur Vella

mis-Sur Ciappara ma kienetx cara jekk kienetx tirreferi ghat-tluq tal-merkanzija mill-imhazen jew mill-post. Skond is-Sur Ciappara stess, hu staqsa biss jekk il-merkanzija telqetx, u mhux irragonevoli li s-Sur Vella jahseb li d-domanda kienet qed tirreferi ghat-tluq tal-markanzija mill-Italja. Is-Sur Vella wera lis-Sur Ciappara li e-mail li kellu bid-data tas-6 ta` Frar, 2001, u li kienet tghid li parti mill-merkanzija kienet ghada ma gietx ippakkjata, izda li *"the goods will leave this weekend"*. Is-Sur Ciappara donnu anke hu fehem li d-domanda u r-risposta kienu jirreferu ghat-tluq tal-merkanzija mill-Italja, ghax fl-istatement li hu irrilaxxja ikkonferma li s-Sur Vella qallu li *"the shipment"* kienet se titlaq fil-weekend. Is-socjeta` konvenuta kienet kuntenta b`din ir-risposta (li kienet korretta u a bazi tal-informazzjoni li kellu s-Sur Vella dak il-hin) u accettat li tohrog il-polza.

Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Muscat vs Gasan", deciza fis-6 ta` Ottubru, 1999, meta jkun hemm dubju ragonevoli dwar it-tifsira tad-domandi maghmula lill-assikurat, il-Qorti kellha ttendi favur li tissalvagwardja l-interessi ta` l-assigurat, meta tirrizulta l-bona fede tal-assigurat. F`dan il-kaz, il-Qorti wara li semghet lil Tarcisio Vella jispjega kif irraguna r-risposta, tqies li hu kien in bona fede, u ghad-domanda li staqsewh, hu wiegeb bl-onesta` kollha a bazi tal-informazzjoni li kienet disponibbli ghalih.

Kienet is-socjeta` konvenuta li iddecidiet li ma tippreparax proposal form bil-miktub ghal kaz ta` marine insurance policies, u allura hadet fuqha r-riskju li d-domandi ma jaslux cari ghand l-assikuratur jew li jigu interpretati b`mod differenti milli kif kien fil-hsieb taghhom. Domanda fis-sens jekk il-merkanzija telqetx jew le hija wisq vaga, u setghet facilment tigi interpretata in bona fede li qed tirreferi fuq jekk il-merkanzija telqetx mill-pajjiz tal-origini. L-obbligu ta` bona fede impost fuq is-socjeta` assikuratrici jitlob li jekk hi riedet informazzjoni specifika, kellha isaqsi domanda specifika u preciza, izda mhux lecitu li hi tapprofitta ruhha minn risposta, li skond hi, ma kienetx preciza, meta d-domanda kienet vaga u thalli lok ghal diversi interpretazzjonijiet. Kif osservat l-Onorabbli Qorti

tal-Appell fil-kawza “Schembri vs Grech noe”, deciza fit-28 ta` Novembru, 2003, it-test li htieglu jsir dwar l-gharfien (*“knowledge”*) u t-twemin (*“belief”*) rikjest da parti tal-assigurat, ankorke kkwalifikat bl-aggettiv *“best”*, kien wiehed essenzjalment soggettiv u mhux xort`ohra. Tarcisio Vella, f`dan il-kaz, wiegeb b`mod sincier a bazi ta` dokument li kellu f`idejh u li wera lill-ufficcjal tas-socjeta` konvenuta; hu wiegeb ghad-domanda li saritlu skond it-twemin u l-gharfien tieghu u, kwindi, il-kuntratt ta` assikurazzjoni ghandu jitqies validu.

Hu veru li l-*“urgenza”* li kellu s-Sur Vella ghas-socjeta` attrici tista` tohloq suspett dwar il-bona fede tieghu, pero`, giet murija raguni plawsibbli ghal dan. Is-Sur Vella kien ghadu kemm ha *franchise* minn ditta rinomata fl-Italja, u, ghal ewwel darba, kien se jixtri merkanzija b`valur konsiderevoli (aktar minn Lm30,000). Wara li ghamel l-ordni, htieglu jsiefer, u fil-fatt jirrizulta li kien imsiefer bejn l-1 u s-6 ta` Frar, 2001. Meta wasal lura Malta fis-7 ta` Frar, sab e-mail li kienet tindika li l-merkanzija kienet se titlaq mill-Italja dak il-weekend (l-10 jew 11 ta` Frar). Peress li hu ma jaghmilx il-pagament b`letter of credit, izda dirett by bank transfer, fis-7 ta` Frar, mar il-bank u ha hsieb jaghmel it-transfer tal-prezz; id-ditta estera, ovvjament, ma kientx se tibghat il-merkanzija qabel ma tircievi l-hlas relattiv. Peress li kienet l-ewwel darba li kellu konsenja sostanzjali, beda jahseb li jkopriha b`assikurazzjoni, u peress li l-10 ta` Frar hija festa pubblika u l-merkanzija, f`kull kaz, kienet se titlaq fil-weekend, ma tantx kellu zmien isib kumpanija ta` assikurazzjoni li kienet tofrilu kondizzjonijiet accettabbli. Ghalhekk, kollox kellu jsir malajr. Din l-ghagla u l-insistenza tieghu li tinhareg cover malajr, ma ghandhiex, pero`, tnissel dubju dwar l-onesta` tieghu, u kif gia qabel osservat, ma jirrizultax li, meta sar qbil fuq l-assikurazzjoni, is-socjeta` attrici kienet taf jew setghet kienet taf dwar is-serqa. Din il-Qorti hi ukoll propensa tqies li anke meta sar il-hlas tal-premium, is-Sur Vella ma kienx ghadu gie infurmat dwar is-serqa, u dan ikompli jikkonferma li l-polza ta` assikurazzjoni hi valida ghax inharget in bona fede.

Ghar-rigward tal-quantum tad-danni, taqbel mas-socjeta` konvenuta li s-somma reklamata ghandha tonqos b`Lm200, peress li kien hemm policy excess ta` Lm100 ghall-kull polza. Kwindi, s-somma dovuta hija ta` Lm26,269.53.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi bil-kawza billi, wara li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta` konvenuta (hlief dik bin-numru 4), tilqa t-talbiet attrici, u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` Lm36,269.53 (sitta u tlettin elf, mitejn u disgha u sittin lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu), rapprezentanti t-telf li sofriet is-socjeta` attrici b`rizultat tal-incident in kwistjoni, bl-imghax legali, mit-12 ta` Frar, 2001, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mis-socjeta` konvenuta.

IMHALLEF

DEP/REG

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------